minn wiċċ il-gżejjer tagħna. Min imur Għar Dalam jara fej insabet kotra kbira ta' għadam ta' dawn l-annimali, imrass ma' xulxin donnhom ġew hemm ħa' jaħarbu xi ħsara.

Il-mistoqsija weħeda tiġi: u l-bniedem meta rifes l-ewwel darb l-Gżejjer tagħna? Iżda mhux la kemm tâti tweġiba bir-reqqa, għax hemm bżonn nistqarru li fuq dan jew ma nafu xejn, jew nafu ftit wisq. Mhux għax il-għorrief ma tħabtux biex isiru jafuh, u aktarx il-quddiem uliedna jkunu jafu xi ħaġa billi is-Su G. Despott sab xi tarf li għad iwassalna għal tagħlim ġdid. (*

Iżda sa issa nafu illi fiż-żmien, meta l-bniedem kien għad ma jafx jaħdem ħlief bil-għodda tal-ġebel jew taż-żnied, Malt kienet imgħammra b'kotra kbira ta' nies skond kif jidher mill ħafna oqbra tagħhom li ssibu mxerrdin max-xtut ta' Malta. Dawn in-nies kienu bdew jaħdmu iktar bir-reqqa minn ta' qbilhom u l-għodda tagħhom hija mxaffra aħjar u jħalluk tinduna l min għamilhom kien ġa beda jsib it-triq tal-Għerf.

Għal dawk iż-żminijiet, anzi, nistgħu ngħidu li min kien igħammar Malta kellu għerf ikbar minn ta' ħaddieħor u tixjir għax-xogħol tas-sew tal-għaġeb. Min minnkom ma semâ b'Ħal-Saflieni, b'Ħaġar Qim, bl-Imnajdra u b'bosta bini bħal dawn? Il-lum saru f'ħalq kulħadd, għax fl-aħħar bdejna nin tebħu li ġebla mwieżna fuq oħra jista' jkollha fiha bosta tagħlim. Dan il-ġebel kbir waqqfuh missirijietna fiż-żmien li q'ed insemmgħu u juri sewwa kemm kienu mħarrġin fix-xogħol. Għax, koss biex twaqqaf ġebel bħal dak trid saħħa ta' ġgant u moħħ li ja jaħseb. Mhux ta' xejn, tara l-barrani jibqa' ħalqu miftuħ bil għaġeb u jintilef wara ġmielhom! Mhux ta' xejn tara 'l-għorrie ta' barra imġen'na fuq dawn l-imqades tagħna!

Dan tafu l-għaliex? Għax jaħsbu illi fiż-żminijiet qodma li qegħdin insemmu, Malta kienet "in-nieqa tal-għerf, mnejn ħarġe ic-ċiviltà ta' l-Ewropa." Din mhix ħolma tagħna u l-anqas q'e ngħidu kliem fieraħ. Min jaqra dak li qegħdin jiktbu l-għorrie taljani, ingliżi u fuq kollox il-ġermaniżi jara li kull ma qegħdi ngħidu kollu minnu.

J'Alla jseħħ dan il-ħsieb tagħhom, u Alla m'għamilna. In bagħad, inkunu nistgħu ngħidu u niftaħru li "*Ex Melita lux*"– minn Malta ħareġ il-Għerf.

**R. Briffa.**
*Società Malta Storica*

(*) G. Despott, fl-1915, sab f'Għar Dalam waħda mis-snien ta' fuq ta' l-*Homo Neanderthalensis*, waħda mill-ewwel ġnus ta bnedmin li dehret f'wiċċ l-art.

# IL-MARD TAT-TFAL.

### IT-TRABI U T-TFAL MALTIN U GħAWDXIN.

Aħna, fl-erbgħa u tletin sena li ilna tobba, l-aktar li ħabbilna rasna, kien fuq il-mard tat-tfal, u dejjem fittxejna u flejna il-għala. Hawn Malta, it-trabi u t-tfal jimirdu wisq, għad li xiktar imnisslin minn nies f'saħħithom—l-aktar fir-rħula—u l-ommijiet aktarx ireddgħuhom: imnissla f'art imbierka fejn għadha ma daħlitx id-drawa ħażina li l-missirijiet u l-ommijiet jitmeżimżu min-nieqa u mill-kotra tat-trabi: fejn dik li jgħidulha l-imħabba tat-tfal—*the cult of the cradle*,—*il culto alla culla*—il-għożża tan-nieqa, għadha tħeġġeġ u għadha l-għaxqa tan nies miżżewġa. Hawn, dik li jsejħulha *race suicide* — il-qerda tan-nisel tan-nies b'idejhom—għadha, għall-ħniena t'Alla, ma daħletx; dik il-kerda li tant kitbu fuqha Father Vaughan, il-President Roosevelt (li martu, ilu ftit, żaret Malta u faħħritha ħafna) u bosta għorrief oħra.

Missierna l-għażiż, (li kien tabib ukoll), kien ukoll ħa ħsieb tal-mard tal-qerda tat-trabi u fl-1869 kien l-ewwel tabib f'Malta li kien induna li kien hawn id-*Diphtheria*. Kien dak iż-żmien tabib tal-*Pulizija*, l-Imsida, u kien sab li dil-marda kiefra u qalila kienu rikbuha l-Ħasselin ta' San Ġorġ u minn hemm xerrduha l-Imsida u bnadijiet oħra u kien salva ħafna tfal.

Kemm smajna kbarat u nisa tagħhom ifaħħru t-tfal u t-trabi f'Malta u Għawdex għas-saħħa u għas-sbuħija tagħhom! għax fejn hemm is-sbuħija hemm is-saħħa, għax il-mard ikerrah, ikasbar u jqadded it-trabi u jisfigurahom ukoll.

Il-għaref Prof. Dr. Ermanno Eicehorst ta' Zurigo, wieħed mil l-akbar tobba li qatt rat id-dinja, igħid li l-mard tat-tfal l-aktar imsemmi bħala żerriegħa tal-mewt huma l-mard ta' l-imsaren u l-mard tal-qafas u tal-pulmuni u tat-tubi tan-nifs—*bronchi*.

Il-mard ta' l-imsaren (li kiteb fuqu l-kbir Forbes-Ross waħda mil l-isbaħ opri u l-aktar ġodda — *Intestinal Intoxication in children*) hu dak li iktarx issibu fi tfal *illeġittimi* — mingħajr omm u missier magħrufa—għax dawna mitluqa għall-għonq it-triq u jieklu dak li jsibu jew dak li jatuhom il-barranin tal-ħniena milli jkollhom: il-mard tan-nifs u tas sider li aktarx issibu fit-tfal *leġittimi*, li għandhom l-omm u l-missier, għax għalkemm ġewwa jdarruhom fis-sħana, malli joħorġu barra jieħdu riħ għal kullxejn

u oħrajn igħidu lijghatsu -flll,

# Ff^"--^r iekk tiftah iH*ħi-GħAŻŻIEN

IVdo U d

hna, M " Dl s \ ta' l-Eicehorst, izda kemm il„a, waħdu dina t-taj sl d „ huwa l-mard lijati |-illlnj 1
E 3 : t L hiffalu ġġib l-istraġi ta' ,,„„JJ
. „,t,cut haina uo' - ™ --^cnii
1 b,e" . hi i-ieħtsu. Hawn x.kotba tal-n.ard
Hafn^ tfal u trabl u jxerrdu I-fehma ħażiua lj„J tfcl liiK'»du hme7',,'hon, imnehirhom imżaddam ikunu ħadu, t-trabi jagħtsu u ifcoi jjġi m\\\.f,bbre da fieno, l i Maltaf, riħ TZhtheriL mill-ħożba, m\r-Xinife Efidemica, mit '" m \ ohra' inbagħad tista' t.ġ.wkoll .nis-^;
U tKl ma'kien jaħseb missierna, il-Prof. Galea,,
E' r"J„. il-Prof. Stilon u oħrajn. hija wisq aktar imxe,
* inffli wiehed jaħseb. Ugħalhekk it-tiżdima għandna nieU £bh u naħsbu ħażin biex tt-tajjeb ma jonqosx u m,nnfl,| . nikkurawha hW-Pomala Borica, bl-acdu borku u b.ħmeriji, oħra għandna nsejħu t-tabib għax, x.drabi, kull dem ħudu b'ġ| u u'bib tajjeb jinduna rnil l-ewwel berqa h hemm marda kerL fit-tarbija li jekk ma taħsbilhiex mill-ewwel tagħmel ħsara kbir, ,red il-tfal. B'dana kollu, naħsbu dejjem indarru 't-tfal gb l-arja, għax l-eghluq u l-fsied fit-tfal, jif'tħu t-triq għall-ma; tas sider.

Nisa Ingliżi, Franċiżi, Taljani, ċermaniżi u oħrajn stagħgt u qalulna kemm-il darba kemm- huma b'saħħithom it-tfal t Malta u lil-ħtija tal-mewt u l-istraġi tagħho.n huma l-ommiji u l-qraba. Ilmishuta gażażа teqred tfal wisq: aħna ngħidtill t-tebut tat-trabi.

It-tabib f.lantropu G.C, sinjur ħafna, għarraq ħajtu jfitK għaħex lost il-Għarab u oħrajn bogħod miċ-ċiviltà, ħafna W onai kankru, appendiċite, rickets fil-mard fil-għadam) u oħrai S x T n 11 fit-trabi R ħarab trra hemmx ħafna m Hawn ,Jjl'\ aU'd >00ds " fliexken. Fuqdar.a ngħidu f.t-tu ctla 1 t ; tdeni' keinm ta' Wm-ren u kemm" toitU DiJsl ' ( oiera tattfal) >>-lum igħidulu : "F*&

i/ssokla)

Dr. P.P. Agius

**L-Għażżicn, il-Bu-Għażżien, u Missier-il-Għażżenin,**

Bil-ħmar, igħidu, ħarġu
Fuq kerrettun rekbin...

U ċiklem, ċiklem, ċiklem...
Utaqgħu ma'perun... (1)
L-Għażżien, lilemħu I-ewwel,
"Xi jleqq !" qal "dak xi jkun?..."

U l-Bu-Għażżien hekk wieġbu :
"Dak fils (2) qadim! għaliex
Ma tinżel int u ġġibu?...
Biċċa deheb daqshiex !"

Għax ma tinżelx int? l-ewwel
Ma rajtu Tnt; jien xhud ! (3)
Se' mmur għalik inbati
Biex inttibq' hemm paxxut ! (3)

(1) Perun jevv parun.— Il-peruni kienu bċejjeċ tal-flus tad-deheb akbar mid-dubluni, koll wieħed daqs nagħla ta'żiemel. Igħidu ħabbathom il-Konti Ruġġieru. Il-)um għadna ngħidu perun għal xiħaġa litisvva bosta : mifles.

(2) Fils—biċċa flus.

(3) Għal min jifli bir-reqqa "xhud" ma"paxxut" matmurx. Ngħid jien: m'hix rima bid-dumis jevv kif igħidu l-ingliżi *"perfect rhyme"* iżda rima tgħaddi, *"allowable rhyme"*\ Imma tarġa jaqblu u jdoqqu tajjeb ukoll għax id-</ ta'"xhud" tinqara u tistama' / għax fit-tarf. Ara : d dejjem tinqara d bħal fit-taljan u fil-latin: biss fit-tarf tal-kelma u miia tiltaqa' mal-/ ħ (kħott jew eħħe mqarrħd) kt jew q (qoflf) tingħad t : hekk ngħidu (niktbu) : *marad, ward, dfart* lijinqravv u jinsemgħu, *marat, wari, tfart.* (VASSALLJ, Diz: Malti, f. 140.)